MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2007

Appell Civili Numru. 96/1995/1

**Dr Joseph M. Pirotta**

**v.**

**Joseph Grima sew proprju kif ukoll bhala direttur ghan-nom**
**u in rappreżentanza ta' Grima Communications Ltd,**
**u Dr Emy Bezzina**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan hu appell minn sentenza moghtija fis-7 ta' Ottubru 2005 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili li permezz taghha dik il-Qorti sabet kemm lill-konvenut Grima kif ukoll lill-konvenut l-iehor Bezzina hatja ta' malafama skond skond il-Kap. 248 fil-konfront ta' l-attur. Il-konvenut Bezzina gie kkundannat ihallas hamsin lira (Lm50) bhala danni lill-attur u gie ordnat ukoll li jippubblika, a spejjez tieghu f'gazzetta lokali wahda bil-Malti u l-ohra bl-ingliz, l-apologija li huwa kien ghamel fil-Qorti u li tinsab a fol. 447 ta' l-atti tal-kawza – kawza li, tajjeb li jinghad mill-ewwel, waslet sa 730 faccata f'atti – fil-waqt li l-konvenut Grima gie kkundannat ihallas bhala danni lill-attur is-somma ta' elf lira (Lm1,000) u gie wkoll ordnat ihallas l-ispejjez tal-kawza. Minn din is-sentenza appella biss Joseph Grima f'ismu proprju – cioe` kif effettivament instab hati u kkundannat ihallas id-danni u l-ispejjez. Fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant talab li din il-Qorti "tilqa' l-appell mis-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Ottubru 2005 fl-ismijiet premessi hawn fuq (Citaz. nru 95/96 GV) billi tirrevokaha fl-intier taghha, bl-ispejjez kontra l-attur."

**2.** Il-vertenza tirrisali ghall-1994 meta fuq programm fuq Radju Live FM (mhux programm televiziv kif erroneament indikat fic-citazzjoni), il-konvenuti Grima u Bezzina qalu diskors fil-konfront ta' l-attur li bih huwa hassu malafamat. Ic-citazzjoni, prezentata fl-24 ta' Jannar 1995, tghid hekk:

**"Billi l-konvenuti personalment kienu hadu parti f'programm televiziv** *(sic!)* **maghruf bhala 'Il-Parlament tal-Poplu' nhar il-Gimgha, 7 ta' Ottubru 1994 fuq ir-Radju Live FM, proprjeta` u licenzjat f'isem is-socjeta` Grima Communications Ltd., hawn ukoll konvenuta, *transcript* ta' liema qed jigi hawn ezibit u mmarkat bhala Dok. A;**

**"U billi fil-kors tal-fuq imsemmi programmi** *(sic!)* **huma ghamlu diversi allegazzjonijiet dwar il-komportament u mgieba ta' l-attur u in partikolari allegaw li ma hux bniedem imparzjali u ma hux jimxi sew bil-mod kif igib ruhu bhala membru ta' l-Awtorita` tax-Xandir, u kliem**

**iehor li jnaqqsu l-gieh u l-fama tieghu f'ghajnejn il-pubbliku;**

**"U billi l-attur hass ruhhu ingurjat b'dawn l-allegazzjonijiet fil-konfront tieghu;**

**"U billi l-attur huwa c-*Chairman* ta' l-Awtorita` tax-Xandir;**

**"U billi tali allegazzjonijiet pubblikati fuq ir-radju kif fuq inghad huma malafamanti ghar-reputazzjoni ta' l-attur u ghalhekk libelluzi;**

**"Jghidu ghalhekk l-istess konvenuti *proprio et nomine* ghaliex m'ghandhomx jigu minn din il-Qorti: 1. dikjarati responsabbli ta' malafama u libell fil-konfront ta' l-attur minhabba d-diskors fuq ir-radju fuq imsemmi; 2. jigu kkundannati jhallsu lill-attur dawk id-danni u penali li jigu likwidati minn dina l-Qorti li fil-konfront ta' kull konvenut ma jeccedux is-somma ta' elfejn lira Maltija;**

**"Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni."**

**3.** Din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha ghalfejn tirriproduci hawn l-eccezzjonijiet tal-konvenut Dott. Emy Bezzina, peress li dan issokkomba ghas-sentenza. Il-konvenut l-iehor, wara li ggustifika l-kontumacja tieghu – ara f'dan ir-rigward id-decizjoni tal-Prim Awla tat-28 ta' Marzu 1996, fol. 21 ta' l-atti – fil-15 ta' April 1996 ipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu li kienu jghidu hekk:
**"1. Illi l-eccipjenti qatt ma ghandu jigi formalment notifkat bic-citazzjoni la *de proprio* u lanqas *nomine* biss in adempjenza tad-decizjoni in parte ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-28 ta' Marzu 1996 l-eccipjenti qieghed b'rispett jipprezenta n-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tieghu kif fuq premess.**

**"2. Illi minghajr pregudizzju jidher illi meta giet ipprezentata c-Citazzjoni nhar l-24 ta' Jannar 1995 mill-P.L. Scerri Ferrante dan sar b'dokument wiehed**

**li l-eccipjenti qatt ukoll ghadu ma gie notifikat bih, u ghalhekk l-eccipjenti jinsisti li jigi notifikat b'dana d-Dokument halli kif tesigi l-ligi huwa jkun jista' jirregola ruhhu rigwardanti dana d-Dokument u ghalhekk f'dana r-rigward huwa qieghed jirriserva l-possibilita` ta' eccezzjonijiet ulterjuri dwaru.**

**"3. Illi fir-rigward ta' l-ewwel premessa, l-eccipjenti jichad kategorikament illu huwa kien ha sehem f'xi programm televiziv maghruf bhala 'IL-PARLAMENT TAL-POPLU' fil-jum indikat u fuq l-istazzjoni tar-radju msemmi liema stazzjon huwa proprjeta` u llicenzjat mill-istess eccipjenti.**

**"4. Illi l-eccipjenti ma jirrikonoxxix ebda *transcript* li ma jkunx sar that is-supervizjoni tal-Qorti u minn persuni mqabbda minnha ghal dana l-iskop, liema *transcript* ghandu jsir fil-presenza ta' l-eccipjenti jew ir-rappresentanti tieghu u mill-materjal originali li jigi awtentikat bhala hekk: ghaldaqstant id-dokument A imsemmi ghandu jigi sfilzat mill-process billi dan huwa null skond il-ligi.**

**"5. Illi fil-meritu t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, mehud in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-attur qieghed jokkupa hatra ufficjali skond il-kostituzzjoni u ghalhekk suggett ghal skrutinazzazzjoni** *(sic!)* **u kummenti tal-pubbliku, specjalment mezzi ta' komunikazzjoni bhalma huwa x-xandir.**

**"6. Illi l-eccipjenti ma ghandux ibati ebda forma ta' spejjez.**

**"7. Salvi eccezzjonijiet ohra ulterjuri."**

**4.** Effetivament ma jirrizultax li nghataw eccezzjonijiet ohra. B'nota pprezentata fl-4 ta' Lulju 1997, l-Avukat Dott. Emy Bezzina, li sa dak il-punt kien qed jidher ukoll bhala l-avukat tal-konvenut Joseph Grima *pro et noe* irrinunzja ghall-patrocinju ta' l-istess konvenut. Il-kawza baqghet tigi differita, issa ghax ma tidhirx parti issa ghax ma tidhirx

ohra, u kien biss fil-21 ta' Frar 2000 li bdew jinstemghu l-provi. Wara li l-konvenut Grima, fl-udjenza tas-16 ta' Frar 2004, imsejjah tlett darbiet baqa' ma deherx, l-ewwel Qorti halliet il-kawza ghall-finali trattazzjoni ghall-25 ta' Frar 2004. F'din id-data ttrattaw il-kawza l-Avukat Dott. Ian Refalo ghall-attur u l-Avukat Dott. Emy Bezzina ghalih innifsu in kwantu ko-konvenut, u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Mejju 2004. B'rikors prezentat fil-25 ta' Marzu 2004, il-konvenut Joseph Grima talab li jinghata l-possibbilita` li huwa jixhed u jipproduci zewg xhieda li kienu ghadhom ma tawx id-deposizzjoni taghhom, u l-ewwel Qorti in effetti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u akkordat it-talba. Il-konvenut Grima effettivament iddepona permezz ta' affidavit prezentat fl-20 ta' April 2004 (fol. 455 *et seq.*) u ma giex kontroezaminat. L-ahhar xhud, prodotta mill-konvenut Grima, tat id-deposizzjoni taghha fl-24 ta' Jannar 2005 u, kif irrimarkat fid-deposizzjoni taghha, ftit li xejn setghet tiftakar dwar dak li bdiet tistaqsiha l-avukata tal-konvenut Grima, Dott. Lynn Zahra, peress li effettivament kienet qed tigi interrogata dwar intervista li hija kienet ghamlet, fil-bidu tal-karriera taghha gurnalistika, tnax-il sena qabel![1] Dan qed jinghad ghax, kif jirrizulta minn ezami u qari akkurat tal-process, hu evidenti li l-konvenut Grima f'din il-kawza mhux biss ikkonduca d-difiza tieghu b'mod imhawwad u bil-pezzi bukkuni, izda anke pprova jintroduci provi dwar affarijiet li sehhew wara, u xi whud minnhom hafna wara, d-data ta' l-allegat libell (ara, per ezempju fol. 386, 387, 393) u li din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, ma tarax x'rilevanza jista' jkollhom ghall-finijiet ta' kawza ta' libell bhal dik in dizamina.

**<u>Is-sentenza appellata</u>**

**5.** Qed tigi ripodotta hawn taht is-sentenza appellata fil-parti fejn hemm il-konsiderazzjonijiet ta' l-ewwel Qorti kif ukoll id-*decide*:

"**KONTESTAZZJONI**

[1] Ara in partikolari fol. 562.

“L-attur ghamel dina l-kawza billi hass ruhu ingurjat b’diskors li kien ixxandar fil-programm “Il-Parlament tal-Poplu” nhar il-Gimgha 7 ta’ Ottubru 1994 fuq Radju Live FM. L-attur isostni li waqt dan il-programm il-konvenuti ghamlu diversi allegazzjonijiet dwar il-komportament u l-imgieba ta’ l-attur u, in partikolari, allegaw li hu mhux bniedem imparzjali u ma kienx qed jimxi sew bil-mod kif kien qed igib ruhu bhala Chairman ta’ l-Awtorita` tax-Xandir, u kliem iehor li jnaqqas ll-gieh u l-fama tieghu f’ghajnejn il-pubbliku. Fost l-attribwiti ohra, il-konvenut Grima uza diskors dispreggjattiv fil-konfront tal-karattru u l-persuna ta’ l-attur u allega li l-attur kien stupidu, vavu u njorant u li dak li kien ghamel l-attur kien se jpatti personalment ghalih. Saru allegazzjonijiet li l-attur agixxa fil-konfront ta’ nies ohra ghall Partit Laburista b’mizura differenti u li l-attur kien jaghmel kull ma ried il-Prim Ministru.

“Il-konvenut Dr. Emy Bezzina ma gab l-ebda provi fil-mertu u fuq l-eccezzjonijiet tieghu imma ghamel dikjarazzjoni (ara fol 447) fit-trattazzjoni tal-kawza fejn iddikjara li l-Profs Pirotta jafu bhala ragel serju, ragel ta’ integrita`, l-Awtorita` tax-Xandir dejjem mexxiha skrupolozament u diversi drabi, anke fil-mori tal-kawza kien avvicina lill-attur u qallu biex jaqtu dina l-kwistjoni. Qal li hu qatt ma kellu l-intenzjoni li jiddispreggjah, u jekk l-attur fehem hekk, li skond Dr. Bezzina ma jidhrix hekk mit-test, imma jekk l-attur fehem hekk, hu jaghmel apologija u jitlob halli jara jekk l-attur jaccettajiex jew le.

“Il-konvenut Joe Grima in sostanza ssottometta li waqt ix-xandira mertu tal-libell, hu kien qed jiehu sehem f’diskussjoni fuq ir-radju fejn esprima l-opinjoni personali tieghu fuq suggett li kien ta’ interess pubbliku u anke fl-interess pubbliku cioe` l-ghotja ta’ l-ewwel licenzja tat-televizjoni f’Malta li nghatat lil partit politiku. Hu jirritjeni li l-attur kien jokkupa hatra ufficjali skond il-Kostituzzjoni u ghalhekk kien suggettt ghal skrutinju u kummenti tal-pubbliku, specjalment tal-mezzi tal-komunikazzjoni bhal ma huwa x-xandir.

“***Transcript***

“Il-konvenuti qed jissottomettu li t-*transcript* ipprezentat mill-attur tax-xandira li minnha qed jilmenta mhux prova legittima billi ttraskrivietu persuna, Simon Manicolo, li mhiex indipendenti mill-attur.

“L-attur xehed li kien sema l-programm in kwistjoni u jikkonferma li t-*transcript* huwa traskrizzjoni fidila ta’ dak li gie imxandar billi hu kien semgha r-*recording* ta’ dak il-programm almenu f’dawk il-partijiet li kienu jinteressawh u fejn gew allegati affarijiet dwaru.

“Simon Manicolo, li jahdem ma’ l-Awtorita` tax-Xandir, bhala kap tad-dipartiment tal-*monitoring* tat-*transcript*s, xehed li t-*transcript*s a fol 11 u dawk a fol 42 sa 173 ghamilhom hu, u t-*tapes* kien irrekordjahom hu fuq *logging machine* fil-bini ta’ l-Awtorita`.

“Illi tul il-mori tal-kawza il-konvenuti Bezzina u Grima qatt ma cahdu li ntqal id-diskors riportat fit-*transcript*s li minnu l-attur qed jilmenta u lanqas ma gabu xi prova li t-*tapes* m’humiex ta’ min joqghod fuqhom. Ghalhekk il-Qorti qed tirrespingi dina s-sottomissjoni.

“**Dritt ghal liberta` ta’ l-espressjoni:**

“Il-konvenut Grima jirritjeni li hu kellu dritt jesprimi l-opinjoni tieghu fuq dak li gara, u fuq min fl-opinjoni tieghu kien responsabbili ghal dak li gara, anke jekk kien zbaljat jew l-opinjoni tieghu ma kienitx korretta, galadarba din l-opinjoni giet iffurmata fuq fatti li ra u mis b’idjeh (ara fol 725).

“Gurisprudenza recenti (ta’ dawn il-Qrati u tal-Qorti Ewropeja dwar Drittijiet tal-Bniedem) wessghet sensibilment l-arja ta' legittimita` tad-dritt ta' espressjoni kif dik kienet delimitata mill-ligijiet u gurisprudenza ta' dawn il-Qrati, specjalment ghal dawk li huma d-drittijiet ta' espressjoni permezz tal-Istampa. Qieset f'liema kazijiet il-Qorti "*ghandha tippermetti l-atitudini fil-kritika li tista' tkun mhux biss iebsa imma wkoll azzardata entro it-termini accettati tad-decenza permissibili f'*socjeta` *demokratika".*

Il-principji li ghandhom liberament jigu applikati huwa f'dawk il-kazijiet fejn: 1. Il-persuna li lejha tkun indirizzata l-kritika tkun ta' certa notorjeta` pubblika; 2. Fejn il-kritika tkun ta' interess pubbliku anke jekk tikkoncerna l-hajja privata tal-persuna pubblika; 3. Fejn il-kritika tkun bazata fuq u mibnija madwar fatti li jkunu sostanzjalment veri (Ara sentenzi App Civ. Fenech vs Callus et 4.2.94; App Civ. Sant vs Camilleri et 14.2.94; App Civ. Mons. A. Gauci vs M. Schiavone et 8.11.95).

"Illi fost il-principji illum stabbiliti jinghad illi l-iktar wiehed mill-importanti huwa **il-bilanc** li jrid jinzamm bejn *"il-bzonn li is-socjeta` demokratika jithalla spazju sufficjenti ghall-liberta` li wiehed jikkritika u li jsemmi l-opinjoni u l-gudizzju tieghu, mal-bzonn l-iehor, xejn anqas mehtieg, tad-difiza tar-reputazzjoni, l-unur, l-isem tajjeb, li kull persuna f'socjeta` demokratika ghandu kull dritt li jgawdi"* ("Vincent Borg vs Victor Camilleri et." - A.C. 15 ta' Novembru 1994. - LXXVIII.II.I.372.).

"Illi kulhadd huwa liberu sabiex jaghti l-opinjoni tieghu u anke jaghti gudizzju tieghu, pero` tali espressjoni ma ghandha qatt twassal sabiex jigu attribwiti atti lil xi persuna, b'mod li jattakkaw ir-reputazzjoni ta' l-istess u l-fama tieghu, meta tali atti lanqas ikunu veri. Ma jistax jigi tollerat illi taht il-parvenza tal-**fair comment** il-kumment isir semplici invettiva jew abbuz (VOL XL111 p4 p 885). Hi dottrina segwita mill-Qrati taghna (ara R. Grech vs C. Pulo tat 23 ta' Mejju 1953 Vol 37 p4 p 1204) li : "In linea ta' massima meta persuna tghajjar persuna ohra b'difett fiziku, hemm dejjem ingurja."

"**Invettiva jew abbuz**

"Fil-kaz in ezami L-attur immarka bil-kulur fuq it-*transcript* il-kliem li hu jikkunsidra ingurjuz u libelluz fil-konfront tieghu. Il-konvenut qal fil-programm li: (ara)

Fol 14 **–** xi **mazetta** bhal ma huwa Joe Pirota li **ma jifhem f'xejn**.

Fol 18 – dawn huma kollha ragunijiet **tal-vavi tal-istupidi** u min jirraguna hekk huwa **injorant u stupidu.**

Fol 76 – Ara daqsxejn kemm hu **mazetta.** Dan ufficcjal pubbliku**, jien nista' ninsulentah kemm irrid. .. Jien ninsulentah ghax haqqu min jinsulentah.**

"Dawn huma kollha kliem dispreggjattivi li minnhom infushom huma ingurjuzi u malafamanti fil-konfront ta' l-attur u l-Qorti tista' tieqaf hawn ghax il-malafama tirrizulta.

"Il-konvenut Grima jirritjeni li ma kien hemm ebda malzija fid-diskors tieghu u ma kellu ebda animu personali ghall ebda membru ta' l-Awtorita` u lanqas ghac-Chairman (l-attur) (ara sub inciz 8 tan-nota a fol 720).

"F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva li hi gurisprudenza, tista' tghid kostanti, tal-qrati taghna, li meta si tratta ta' kliem li huma fihom infushom ingurjuzi, l-*animus injuriandi* huwa prezunt (ara, inter alia, **L-Onor. Professur John Rizzo Naudi v. Felix Agius u Carlo sive Charles Mizzi** Qorti ta' l-Appell, 1, ta' Mejju, 1997; **Avukat Dottor Tonio Azzopardi v. Victor Aquilina et** Qorti ta' l-Appell, 27 ta' Gunju, 2003; u s-sentenza **Appell Avukat Dottor Louis Galea v. Frans Ghirxi et 2005** ).

"Kif jikteb **Gatley on Libel and Slander** . Ninth Edition Ch 7 –

*"The question is not what the defendant intended, but what reasonable men, knowing the circumstances in which the words were published, would understand to be the meaning. 'Liability for libel does not depend on the intention of the defamer, but on the fact of the defamation'. 'The question is not what the writer of an alleged libel means, but what is the meaning of the words he has used'. 'It is not the defendant's intention, or the meaning in his own mind, that makes the sense of the libel' but 'what was the meaning and inference that would naturally be drawn by reasonable and intelligent persons reading it'."*

"Il-konvenut Grima mar oltre minn dan u fil-programm qal diskors iehor fejn sostna li l-attur ma kienx imparzjali u li ddiskrimina kontra tieghu billi ma mexiex mas Super One kif mexa mieghu.

"**Imparzjalita`**

"F'dan ir-rigward, fil-programm il-konvenut qal dan id-diskors:-

Fol 15 – Jiena m'ghandi l-ebda interess li nikkoncilja mal-Awtorita` tax-Xandir jien irrid nixlihom lill-Awtorita` tax-Xandir quddiem il-poplu kollu, tan-nies li huma u kif ghidt bil-miktub dan nies ghad iridu jhallsu personalment ghal dan l-istupru li qeghdin jikkawzaw f'din l-industrija importanti (hemm repetizzjoni ta' l-istess kliem a fol 38).

Fol 34– Qal li jaqbel li l-Awtorita` tax-Xandir hija cagnolin tal-poter.

Fol 95 – Hemm Chairman allegatament indipendenti.

Fol 61 – Dawn ghazlu li jidhlu fil-kamp politiku. Dan mhux kamp taghhom l-Awtorita` tax-Xandir, dawn huma impastati fil-politika.

Fol 65/66 – Din hija Awtorita` tat-Teatrin... Dawn qeghdin hemm semplicement biex jaqdu lill-"masters" taghhom. Il-qbija ma tistenna xejn minn ghandhom… Ghalhekk dawn in-nies iridu jhalsu personalment ghal dad-dizastru li gabu fix-xandir f'pajjizna.

Fol 67/68 – L-Awtorita` hija responsabbili ghall-ikbar skandlu li qatt sar fil-pajjiz illi biex taghmel it-testijiet tal-frekwenza assocjat ruhha ma' socjeta` li dahlet equipment Malta b'kuntrabandu. Jigifieri saret partecipi fil-krimini.

"Illi fit-trasmissjoni msemmija l-konvenut Grima iddikjara li l-attur kien qed jonqos mill-indipendenza bl-agir tieghu bhala Chairman u li kien jaghmel kull ma jghidlu l-Prim Ministru. Ghal dan kollu, Grima jghid, li l-attur kien ser ipattiha personalment. Hu libelluz li tghajjar ufficjal

pubbliku li d-dover tieghu hu li jkun imparjzali u ndipendenti fil-konfront sija tal-Gvern kif ukoll tal-partiti politici, li huwa qaddej tal-poter u kanjolin tal-partiti u li l-Awtorita, li taghha huwa chairman, hija semplici teatrin. Imma aktar gravi hu li tixlih li sar partecipi fil-krimini (ara ir-risposta ta' l-attur ghad domanda 27 a fol 392).

“**Diskriminazzjoni**

“Fil-programm il-konvenut Grima attakka lill attur li hu agixxa fil-konfront tal-Labour Party b'mizura differenti u ghalhekk iddiskrimina kontra tieghu.

“Hemm diskriminazzjoni meta (1) kazijiet ugwali jew persuni f'sitwazzjonijiet ugwali, (2) jigu trattati b'mod differenti (inkluz permezz ta' imposizzjoni ta' inkapacitajiet jew restrizzjonijiet jew l-ghoti ta' privileggi jew vantaggi), (3) meta ma jkunx hemm bazi objettiva u ragjonevoli ghal tali trattament differenti (tali bazi objettiva u ragjonevoli tigi nieqsa meta t-trattament differenti ikun attribwibbli ghal kollox jew principalment minhabba r-razza, il-post ta' l-origini, l-opinjonijiet politici eccetra tal-persuni) jew; (4) jekk ma jkunx hemm rapport ragjonevoli ta' proporzjonalita` bejn il-mezzi impjegati u l-iskop vizwalizzat. (ara Vol LXXX111 p1 p 1; p 28 ; p 163 u “Il-Pulizija -vs- Dottor Joseph Muscat” - Prim'Awla Sede Kostituzzjonali - 28 ta' Lulju, 1989, “Avukat Dottor Tonio Borg noe -vs- Ministru ta' l-Affarijiet Barranin u Kultura et” – Prim Awla Sede Kostituzzjonali - 2 ta' Mejju, 1984, “Carmel Caccopardo -vs- Ministru tax-Xoghlijiet et” - Qorti Kostituzzjonali - 20 ta' Frar, 1987 u bosta ohrajn)

“Li mhux mehtieg li jirrizulta jew li jigi ppruvat li min kien il-kawza tad-diskriminazzjoni agixxa proprju bil-hsieb li jiddiskrimina fuq bazi ta' razza, opinjoni, politika, sess eccetra. Dan ifisser li l-Qorti kellha tara biss jekk oggettivament tirrizultax id-diskriminazzjoni projbita u mhux il-movent ta' min igib jew iwassal ghal tali diskriminazzjoni (“Saviour Gauci vs Direttur ta' l-Edukazzjoni” deciza mill-Prim Awla' Sede Kostituzzjonali fil-11 ta' Lulju, 1975; “Carmel Caccopardo -vs- Ministru tax-Xoghlijiet et” appena citata).

“L-attur xehed li lil Grima kienu hargulu l-letter of intent li pero` kienet “qualified” minhabba l-fatt li ma kienitx ezawrita l-parti finanzjarja, u riedu prova dwar il-finanzjament li kien gej minn bank Awstrijak. Huma kienu hargu l-letter of intent ghax il-konvenut Grima kien assikurahom li l-problema finanzjarja kienet se tigi “cleared”. Huma kienu lesti li kif ikun hemm frekwenza jaghtuh licenzja basta li jkollu r-rekwiziti kollha legali.

“L-istess xehed Antoine Ellul – Chief Executive ma’ l-Awtorita` li qal li meta harget il-letter of intent, kien hemm kwistjoni ma’ Grima Communications dwar l-aspett finanzjarju. Grima Communications kienu qalu li se jgibu fondi minn xi bank Awstrijak u l-Awtorita` talbet awtorizzazzjoni ta’ Grima Communications biex hi tikkuntattja lill bank u ggib garanzijii u nformazzjoni li kellha bzonn (Ara xhieda a fol 436 u ittra tal-24 ta’ Settembru 1997 a fol 573 fid Dok AK.) Dr. Kevin Aquilina kkkonferma li skond il-file Dok A K a fol 486 et seq jirrizulta li l-Awtorita` kienet tablet certa informazzjoni ta’ natura finanzjarja lill Grima Communications u dina l-informazzjoni ma kienitx giet, allura l-applikazzjoni waqfet li tigi processata.

“Il-konvenut ssottometta li l-Awtorita` ifavvoriet lill Labour Party bl-unika licenzja ghal TV disponibbli meta l-MLP kien fl-istess posizzjoni ta’ sitt applikanti ohra, inkluz il-konvenut.

“Charles Mizzi, membru ta’ l-Awtorita` dak iz-zmien, xehed li ma kienitx kwistjoni ta’ tnejn (Rainbow Productions Ltd u Grima Communications) qed jikkompetu flimkien ghal-frekwenza. Grima Communications ma kienux issodisfaw il-kundizzjonijiet kollha li talbet l-Awtorita` u ghalhekk ma nghatatx licenzja. L-istess xehed Domenic Fenech, membru iehor ta’ l-Awtorita`, li specifika li ghalkemm ma kienitx kwistjoni ta’ kompetizzjoni ghal frekwenza, mill-punt di vista taghhom (Grima u MLP) , tista’ tghid li kienu qed jikkompetu bejn xulxin. Is-Super One hadet il-licenzja ghax lahqet il-kriterji mehtiega mentri Grima Communications kienet wehlet fuq

l-aspett finanzjarju. Ma kienx kaz ta’ zewg applikanti li ssodisfaw il-kondizzjonijiet kollha u ghazlu lis-Super One. Lino Mintoff ikkonferma l-istess diskors.

“Jirrizulta mill-provi li s-Super One kellu r-rekwiziti kollha u ghalhekk inghata licenzja. (ara ragunijiet a fol 221).  Il-Gvern kien ta lill-awtorita` zewg frekwenzi mhux biex jinghataw specifikatament lill Labour Party, imma biex tkun tista tittratta l-applikazzjonijiet li kienu dahlu. ( ara fol 235).

“Il-konvenut issottometta wkoll li l-Awtorita` ggustifikat l-ghotja lill MLP billi, skond l-attur, l-MLP kienu lesti li jaccettaw frekwenza difettuza, izda l-attur spjega li  Super One kienu lesti li jaccettaw frekwenza *tale quale* u mhux frekwenza li kienet difettuza. L-Awtorita` ghamlet dan ghax ma kienitx lesta li taghti frekwenza difettuza imbaghad tkun azzjonabbli ghal danni.

“Il-konvenut sostna wkoll li l-Awtorita` ma hallietux jaghmel *test transmission* fil-waqt li halliet lill-MLP jaghmlilhom. Skond l-attur Grima *Communications* ma setghux jaghmlu *test transmissions* bhal Super One billi ma kellhomx licenzja. Meta nbdew it-trasmissjonijiet bi prova l-unika applikazzjoni li dakinhar kienet “cleared” kienet dik tal-MLP u ghalhekk inghataw li jaghmlu t-*test transmissions*.

“L-attur ikkonferma li kemm kien ilu Chairman ta’ l-Awtorita` tax-Xandir minn 1993 fi zmien kollu li kien Prim Ministru Dr. E. Fenech Adami, dan  qatt ma kellmu b’xi mod, dirett jew indirett, li seta b’xi mod jinfluwenza l-agir ta’ l-Awtorita`.  Id-diskors li kien ghamel il-Prim Ministru kien fis-sens li l-Gvern m’ghandhux oggezzjoni li jinghataw frekwenzi partikolari u mhux li tinghata frekwenza jew li ma tinghatax.

“Kwantu ghal licenza ta’ TV li nghatat lill Partit Nazzjonalista l-attur u Antoine Ellul xehdu li huma ezaminaw l-applikazzjoni tal-Partit Nazzjonalista fid-dawl ta’ dak li tghid il-Kostituzzjoni dwar it-tqassim xieraq ta’ facilitajiet bejn il-partiti politici. Fil-kaz tal-Partit

Nazzjonalista apparti mir-rekwiziti normali, kien hemm ir-rekwizit l-iehor li tipprovvdi l-Kostituzzjoni. Fol 433

“Skond l-attur u Antoine Ellul l-Awtorita` dejjem imxiet bl-istess mod u meta saru trasmissjonijiet minghajr licenzja hija nfurmat lill awtoritajiet kollha inkluz lill pulizija kemm fil-kaz tar Rainbow Productions kif ukoll ta’  Malticom Ltd. (fol  435/436)

“Il-Qorti ghalhekk tasal ghall konkluzzjoni li ma kienx hemm diskriminazzjoni da parti ta’ l-Awtorita` fil-konfront ta’ Grima Communications.  Din ma kienitx kwistjoni ta’ diskriminazzjoni, imma li l-konvenuti ma kienux issodisfaw il-kondizzjonijiet kollha imposti mill-Awtorita`, mentri haddiehor kien issodisfahom. Kien hemm bazi  oggettiva u ragjonevoli ghal tali trattament differenti.

“**Apologija**

“Il-konvenut issottometta (ara nota a fol 721) li hu offra li jaghmel apologija lill-attur diversi drabi fil-mori tal-kawza (fis-sena 2003) izda l-attur m’accettahiex, mentri accetta l-apologija li ghamel Dr. E. Bezzina tmien snin wara x-xandira.

“Jigi rilevat li d-diskors, li ntqal fil-programm li kien malafamanti,  kollu ntqal mill-konvenut Grima, l-*owner* ta’ l-istazzjon tar-radio. Il-konvenut l-iehor Dr. Bezzina, kif qal hu stess, kien semplicement qed jipprezenta l-programm, u jaghmel dak li jghidlu l-“master” tieghu, ghalkemm jidher li f’partijiet minnhu kien qed ikebbes in-nar wkoll (ara fost l-ohrajn fol 65).  Fil-fatt fil-programm ma kienx hemm kritika legittima imma s-semmiegha bdew jinghataw in-numru tat-telefon biex icemplu u mill-ewwel is-semmiegha bdew jirrispondu b’sens dispreggjattiv u jwaqqghu r-reputazzjoni ta’ l-attur.

“Ghalkemm ma hemm ebda verbal bil-miktub, jidher li l-apologija li ghamel Dr. Bezzina kienet accettabbili ghall-attur (ara nota ta’ l-attur) billi Dr. Bezzina apologizza bl-akbar mod komprensiv u ampju ghal dak kollu li ntqal

waqt il-programm fil-konfront ta' l-attur meta dan gie espost ghar-redikolu tal-pubbliku u malafamat.

Skond l-artikolu artikolu 28(2) tal-Kap 248  Ligi ta' l-istampa:

"(2) F'kull kaz li ghalih japplika dan l-artikolu, il-konvenut jista', bi tnaqqis tad-danni, jipprova li hu jkun ghamel jew offra li jaghmel apologija lill-attur dwar dik il-malafama qabel ma tkun inbdiet l-azzjoni ghad-danni jew, kemm jista' jkun malajr wara malli kellu l-opportunità li hekk jaghmel f'kaz li l-azzjoni tkun inbdiet qabel kellu l-opportunità li jaghmel jew li joffri li jaghmel dik l-apologija."

"Il-ligi taghmilha cara li jekk l-azzjoni tkun inbdiet qabel ma l-konvenut kellu l-opportunita` li jaghmel jew li joffri l-apologija, dik l-apologija, biex tiswa ghall-finijiet tat-tnaqqis tad-danni, irid jaghmilha jew joffriha "kemm jista' jkun malajr wara malli kellu l-oportunita` li hekk jaghmel." (ara sentenza App Dr. Sandra Caruana et vs J. Mifsud 24/9/2004).

"Issa fil-kaz prezenti l-ewwel opportunita` li kellu l-konvenut biex jaghmel jew joffri tali apologija kienet fin-nota ta' eccezzjonijiet jew dikjarazzjoni guramentata anessa maghha.  Fin-nota ta' eccezzjonijiet prezentata fin 1996  ma fiha ebda apologija u kien biss fit-2003 li l-konvenut semma li kien lest li joffri apologija li pero` l-attur ma kienx accetta.  Minhabba li ghadda dan iz-zmien kollu jigi nieqes ir-rekwizit li l-apologija ssir kemm jista' jkun malajr wara li tkun bdiet il-kawza u ma l-ewwel opportunita`.  Fil-kaz ta' Dr. Bezzina hu ser jibbenefika minn mitigazzjoni tad-danni billi l-apologija tidher li hija accettabbli ghall-attur li jidher li accettaha  in vista tal-parti minima li kellu fil-programm u li l-malafama saret principalment mill-konvenut Grima.

"**Rettifika**

"Il-konvenut Grima jirritjeni li ma jaghmilx sens li l-attur minflok ghazel li jesigi rimedju immedjat li taghtih il-ligi,

cioe` ir-right of reply, ghazel minflok li jiftah il-kawza prezenti.

“Hu difficli wiehed jifhem x’rettifika l-konvenut ried li l-attur jitlob meta hu ghajru mazetta, injurant, stupidu, kanjolin, komplici fil-krimini, tat-teatrini etc. Il-konvenut ma jistax jippretendi illi jista’ jezimi ruhu mir-responsabilita` ghall-malafama minnu kommessa semplicement billi jippretendi illi l-attur seta’ dejjem kiteb lis-stazzjon tar-radio u jitlob li tigi mxandra rettifika. Dan ir-rimedju, illi l-ligi wkoll tipprevedi, ma kien bl-ebda mod jissostitwixxi jew jaghmel tajjeb ghad-dritt li l-persuna malafamata kellha ghar-rizarciment tad-danni. (ara sentenza Appell Onor. Perit C.Buhagiar vs Ray Bugeja noe 25/5/2001.)

“**DECIZJONI**

“Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa’ t-talba ta’ l-attur u tikkundanna lill-konvenut Grima jhallsu s-somma ta’ elf lira Maltin (Lm1,000), bhala danni u riparazzjoni ta’ l-ingurja u malafama li huwa sofra bil-programm fuq imsemmi; tikkundanna lill konvenut Dr. Bezzina s-somma ta’ hamsin lira Maltin (Lm50) u tordna li l-apologija li ghamel u li tinsab a fol 447 tigi pubblikata a spejjez tieghu f’gazzetta lokali wahda bil-Malti u ohra bl-Ingliz.

“Spejjez tal-kawza ghall konvenut Grima.”

**<u>L-appell tal-konvenut Joseph Grima</u>**

**6.** L-appellant ghandu b’kollox ghaxar aggravji, li ser jigu trattati *seriatim*. L-ewwel aggravju hu fis-sens li fil-programm radjufoniku in kwistjoni, i.e. “Il-Parlament tal-Poplu” tal-Gimgha 7 ta’ Ottubru 1994 (ara kopji tat-traskrizzjonijiet a fol. 11 u 42 sa 172), “kien hemm bilanc tul ix-xandira kollha billi x-xandira mertu tal-libell odjern kienet xandira diretta”. L-appellant jippretendi, jew donnu qed jippretendi, li ghax kien hemm il-*phone-ins* tul il-programm, allura kien hemm “il-bilanc ghall-kliem dispreggjattiv” li nghad. Dan l-aggravju jirrazenta l-fieragh. Bis-semplici fatt li jkun hemm semmiegha li

jistghu jcemplu u – prezumibbilment qed jghid l-appellant – jirribattu l-kliem dispreggjattiv, allura la jkun hemm malafama u anqas libell. L-appellant donnu qed jinvoka xi forma ta' *ius retorquendi* (pero` bl-intervent ta' terzi!) li allura, jekk dawn hekk jintervjenu, il-malafama tigi newtrallizata – bhal fil-kompensazzjoni ta' l-ingurja verbali kif imfisser fil-gurisprudenza tal-Qorti ta' Gustizzja Kriminali (ara, per ezempju, **Il-Pulizija v. Monica Pullicino** App. Krim. 25/06/2001). L-appellant jaghmel referenza ghas-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Louisette Pace v. Joseph Grima**, deciza fis-6 ta' Mejju 2005. Il-fatti ta' din il-kawza, pero`, kienu *toto coelo* differenti minn dawk fil-kaz odjern. L-attakk sfrenat li ghamel l-appellant, fil-programm meritu tal-kawza odjerna, dirett lejn l-Awtorita` tax-Xandir u b'mod partikolari lejn l-attur personalment b'uzu ta' kliem mhux biss malafamanti izda anke vulgari (ez. "…Pirotta, da Pirotta, li qatt ma kellu ebda forma ta' awtorita` f'dal pajjiz, din l-ewwel darba li libes qalziet u gia` cappsu…", fol. 54), b'ebda mod ma seta' jigi newtralizzat jew kompensat bil-fatt li l-pubbliku seta' icempel u jghid tieghu. Dan l-aggravju ma jimmeritax aktar konsiderazzjoni.

**7.** It-tieni aggravju ta' l-appellant hu fis-sens li l-kliem uzat mill-konvenut, ghalkemm kliem dispreggjattiv, ma hux malafamanti, ghax, dejjem skond l-appellant, hadd mis-semmiegha li cempli ma rripetew dawk il-kliem. Dawn is-semmiegha, skond l-appellant, setghu jifhmu li l-appellant kien pregudikat "ghax kien urtat u frustrat b'dak li ghamlet l-Awtorita` tax-Xandir" meta ma hargitx licenza ghall-istazzjon televiziv li kien qed jipproponi l-appellant. Inoltre skond l-appellant, huwa kien qieghed biss jesprimi l-ideat u l-opinjoni tieghu, anke jekk dawn kienu pregudikati. Anke dana l-aggravju huwa manifestament infondat. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, u kif ukoll jirrimarka l-appellat fir-risposta tieghu (li fiha jiccita kwazi l-brani kollha diffamotorji fil-konfront tieghu) dak li ntqal mill-appellant mhux biss kien malafamanti izda jmur lil hinn minn kull kritika accettabbli f'socjeta` demokratika. Biex kliem ikun malafamanti ma hemmx bzonn li jigi ripetut minn haddiehor – jekk dak il-haddiehor jirrepetih, ikun qed jikkommetti malafama ohra. Lanqas huwa

korrett li jinghad li malafama tista' tigi kommessa biss (kif donnu qed jippretendi l-appellant) minn persuna li ma tkunx pregudikata. Il-malafama hija insita fil-kliem jekk dawn, kif kienet tghid il-ligi qabel l-emenda introdotta bl-Att XVI tal-2006, joffendu l-unur u l-fama ta' dak li jkun, jew jesponuh ghar-redikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku, u dan indipendentement mill-intenzjoni ta' min ikun lissen dawk il-kliem. Fi kliem l-awturi David Price u Korieh Duodu[2]: *"There have been numerous judicial attempts to define what is defamatory. The most common direction now given to juries is that a defamatory allegation is one that tends to make reasonbale people think the worse of the claimant. This incorporates an element of discredit or moral blame. Other definitions refer to 'words which cause a person to be shunned or avoided'. This would include allegations which carry no moral blame but which might make people avoid the claimant…The concept of defamation by exposure to 'ridicule', form the least satisfactory definition of 'hatred, ridicule and contempt' has recently received the approval of the Court of Appeal."* [3] L-appellant donnu qed jippretendi li s-semmiegha kollha tal-programm tieghu, bhala nies ragjonevoli ossia ta' intelligenza normali, setghu semplicement jinjoraw dak li kien qed jghid hu (l-appellant) b'tali mod li ma nibet fihom ebda sens ta' ripunjanza lejn l-appellat. Dak li evidentement qed jinjora l-appellat hu li in materja ta' libell huwa sufficjenti li l-kliem "itendu" li joffendu l-unur u l-fama jew jesponu ghar-redikolu jew ghad-disprezz: *"In order to satisfy the test, the claimant need only show that the allegation is one which 'tends' to make people think the worse of the claimant. It is the nature of the allegation and not the effect which is important for this purpose. There is no need to show that any of the publishees actually thought the worse of the claimant."* [4] Ghalhekk dana l-aggravju huwa wkoll infondat.

---

[2] **Defamation – Law, Procedure and Practice** Sweet & Maxwell (London) 2004 (3rd. ed.).
[3] Pagna 16, paragrafu 2-14.
[4] *ibid.* pagna 17, paragrafu 2-15.

**8.** Permezz tat-tielet aggarvju tieghu l-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti kellha tiehu in konsiderazzjoni, ghall-finijiet ta' mitigazzjoni tad-danni u qsim ta' l-ispejjez tal-kawza, il-fatt li hu offra li jaghmel apologija, izda din l-offerta ma gietx accettata mill-attur. Issa, kieku din l-apologija saret minnufih wara li nghad il-kliem malafamanti, jew ghall-anqas f'xi zmien ragjonevolment vicin, kemm l-ewwel Qorti kif ukoll din il-Qorti possibilment setghu jikkunsidraw tali offerta ghall-finijiet ta' danni u spejjez[5] -- jinghad "possibilment" ghax wiehed irid iqis mhux biss il-kwistjoni taz-zmien izda wkoll il-gravita` tal-malafama u tal-libell. Din il-Qorti fuq dan l-aggravju tikkondividi pjenament l-osservazzjonijiet maghmula mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata. L-attentat ta' apologija mhux biss sar fi stadju inoltrat tal-kawza – b'mod ghalhekk li hsara lehqet saret – izda, tenut kont tal-gravita` tal-malafama diretta lejn persuna f'kariga pubblika importanti anke li kieku l-offerta ta' tali apologija saret qabel ma effettivament saret, din il-Qorti ftit li xejn tara li seta' jkollha influwenza fuq dawk li huma danni u spejjez. Ghalhekk dana l-aggravju huwa wkoll respint.

**9.** Nigu issa ghar-raba' aggravju. Permezz ta' dana l-aggravju l-appellant jilmenta b'mod generiku li ma nghatax smigh xieraq ghax il-kawza odjerna kienet miexja ma' kawza kostituzzjonali (fl-ismijiet inversi) quddiem l-istess Onorevoli Imhallef tal-Prim Awla fejn ir-rikorrent (allura Grima) qed jallega diskriminazzjoni fil-konfront tieghu. Skond l-appellant l-ewwel kellha tigi deciza dik il-kawza kostituzzjonali, u wara tigi deciza din (tal-libell). Fir-risposta tieghu l-appellat jirrileva, pero`, li l-kawza li ghaliha qed jirreferi l-appellant saret minnu kontra l-Prim Ministru u kontra l-Awtorita` tax-Xandir, mentri l-kawza odjerna – ta' libell – hija maghmula minnu (Pirotta) personalment kontra Joseph Grima (*pro et noe*) u kontra Dr Emy Bezzina. Issa, apparti li kull kawza tigi deciza fuq il-provi li jingiebu fiha, f'dan il-kaz anke jekk, ghall-grazzja ta' l-argument, kellu jigi deciz f'dik il-kawza kostituzzjonali li kien hemm diskriminazzjoni – presumibbilment fir-rigward tal-hrug jew rifjut ta' hrug ta' licenzja ghal stazzjon

[5] Ara, a propozitu, s-sentenza ta' din il-Qorti tad-29 ta' Ottubru 2007 fl-ismijiet **Onor. Prim Ministru Dr Alfred Sant v. Onor. Dr Austin Gatt u Michael Caruana**.

tat-televizjoni – dan ma jfissirx li ma jistax ikun hemm decizjoni f’din il-kawza li dak li intqal mill-konvenut Grima fil-programm radjufoniku in kwistjoni, u partikolarment il-mod kif qalu, kien libelluz. Dan qieghed naturalment jinghad ghax, kif osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, l-*invective* dirett lejn l-attur appellat kien tant qawwi li kien imur oltre kull forma ta’ kritika gusta u ragjonevoli f’socjeta` demokratika. Jinghad ukoll li ma gie indikat ebda verbal fejn saret xi talba biex din il-kawza tistenna l-ezitu ta’ l-ohra; u fin-nota ta’ osservazzjonijiet tieghu tas-17 ta’ Gunju 2005 quddiem l-ewwel Qorti (fol. 720 *et seq.*) l-appellant, allura konvenut, ghalkemm ghandu parti min-nota intestata “L-allegazzjoni ta’ diskriminazzjoni hija vera”, imkien ma jsemmi jew imqar jaccenna ghall-fatt li l-ewwel kellha tigi deciza l-kawza kostituzzjonali. Dana l-aggravju ghalehkk huwa infondat.

**10.** Il-hames aggravju ta’ l-appellant huwa fil-fatt kuntradizzjoni tar-raba’ aggravju hawn aktar ’l fuq imsemmi. In fatti f’dana l-hames aggravju l-appellant jghid testwalment hekk: *“Illi l-konvenut jemmen illi f’dan l-appell m’ghandu[x] ghalfejn jiggustifika din l-allegazzjoni [ta’ diskriminazzjoni fil-konfront tieghu jew tas-socjeta` li huwa jirraprezenta] ghax l-itier [recte: iter] tal-kawza kostituzzjonali ghad irid jigi konkluz.”* L-appellant jikkontendi li s-semplici fatt li l-allegazzjoni ta’ diskriminazzjoni *“tirrizulta ‘mhux preciza’ pero` mhux gidba…ma jfissirx li kien hemm malafama…”*. Mill-atti processwali, pero`, jirrizulta li kien il-konvenut appellant stess li pprova jiggustifika dak li kien qal fil-programm radjufoniku billi jghid li l-allegazzjoni ta’ diskriminazzjoni kienet vera (ara wkoll in-nota ta’ osservazzjonijiet tieghu aktar ’l fuq imsemmija, u in partikolari fol. 726-727), b’mod ghalhekk li jkun jista’ jigi ritenut li dak li qal kien “fair comment”. Kien proprju ghalhekk li l-ewwel Qorti dahlet biex tezamina jekk kienx hemm bazi li fuqa wiehed seta’ jikkampa d-difiza ta’ “fair comment”. Dan, dejjem, apparti l-fatt li, kif diga` gie osservat, il-kumulu ta’ invettiv u insulti diretti lejn l-appellat Pirotta (kemm direttament kif ukoll indirettament) kien imur lil hin minn kull ma jista’ jitqies bhala accettabbli anke li kieku din l-allegazzjoni ta’ diskriminazzjoni giet sostanzjalment pruvata. Hekk per

ezempju: *"…jigifieri ahna l-inqas li jixirqilna xi mazetta bhalma huwa Joe Pirotta li ma jifhem xejn…"* (fol. 56); *"…jien m'ghandi ebda interess li nikkoncilja mal-Awtorita` tax-Xandir jien irrid nixlihom li l-Awtorita` tax-Xandir quddiem il-poplu kollu, tan-nies li huma u kif ghidt bil-miktub dan-nies ghad iridu jhallsu personalment ghal dan l-istupru li qeghdin jikkawzaw f'din l-industrija, industrija importanti…"* (fol. 57); *"…imma dawn huma kollha ragunijiet tal-vavi tal-istupidi. U min jirraguna hekk huwa injorant u stupidu…"* (fol. 60); *"…il-Partit Laburista jghidilhom illi huma 'cagnolini' tal-poter lill-Broadcasting Authority…Jistmaghhom…bhal nies li qeghdin hemm biex jaqdu l-poter u ghandu ragun…"* (fol. 76); *"…ahna nippersistu sakemm jekk hu possibbli wicc ic-Chairman, ic-Chief Executive u l-membri ta' l-Awtorita` jihmar bil-misthija…"* (fol. 85); *"…dawn qeghdin hemm semplicement biex jaqdu lill-'masters' taghhom, il-bqija ma tistenna xejn minn ghandhom…"* (fol. 108); *"…Jigifieri l-Awtorita` hija kundannabbli biex nurik dan ic-Chairman u dan ic-Chief Executive u dawn il-membri ta' l-Awtorita` kemm huma neqsin mid-delikatezza. U kieku ma tkunx nieqes mid-delikatezza dac-chairman li qatt ma deher imkien u qatt ma kellu xejn f'hajtu hlief kiteb ktieb wiehed u mar l-universita`…"* (fol. 110); *"…m'hemmx dar-regolamenti u dac-cucati kollha, li ghandna f'dal-pajjiz bil-Broadcasting Authority tat-toqba t'ghajni li hallewha l-Inglizi biex rabtulna mazzra m'ghonqna…"* (fol. 117); *"…ara daqsxejn kemm hu mazetta. Dan ufficjal pubbliku, jien nista' ninsulentah kemm irrid…u jien ninsulentah ghax haqqu min jinsulentah…"* (fol. 118); *"…imbaghad hemm ic-Chairman allegatament indipendenti…"* (fol. 137). Ghalhekk dana l-aggravju qed jigi respint.

**11.** Is-sitt, is-seba' u t-tmien aggravji jistghu konvenjentement jigu ttrattati flimkien. Hawn l-appellant qieghed bazikament jikkontendi li dak li qal – u allura, prezumibbilment, dak <u>kollu</u> li qal u li minnu qed jilmenta l-appellat – "kien ibbazat u mibni fuq fatti sostanzjalment veri". Skond hu dawn il-fatti – sostanzjalment veri – huma li kien hemm diskriminazzjoni fil-konfront tieghu u tal-kumpannija Grima Communications Ltd., li l-Awtorita` u l-attur kienu "partecipi fi krimini" u li "Dr Pirotta kien immexxi

minn imniehru”. Din il-Qorti, wara li ezaminat l-atti, bhall-ewwel Qorti hi tal-fehma li dawn l-allegazzjonijiet ma gewx ippruvati, sostanzjalment jew xort’ohra, bil-provi migjuba f’din il-kawza. F’dan ir-rigward l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti kien wiehed korrett u din il-Qorti ma tara ebda raguni impellenti ghala ghandha tiddisturbah. Konsegwentement dawn l-aggravji qed jigu michuda.

**12.** Id-disa’ aggravju tal-konvenut appellant hu fis-sens li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta ma tatx piz lill-ilment tieghu li l-attur kien “vessatorju” meta ghamel il-kawza flok ma talab li ssir rettifika. Issa, apparti li din il-Qorti, bhal dik ta’ qabilha, ma tistax tifhem x’forma jew x’tip ta’ rettifika seta’ jitlob l-attur appellat ghall-matassa ta’ insulti u allegazzjonijiet diffamatorji maghmula kontra tieghu, is-subartikolu (5) ta’ l-Artikolu 21 tal-Kap. 248 huwa car fil-portata tieghu: “Il-pubblikazzjoni ta’ kull dikjarazzjoni kif mehtiega b’dan l-artikolu…ma jnehhux il-jedd li tittiehed xi azzjoni ohra taht dan l-Att.” Huwa dan l-aggravju li hu manifestament fieragh, u mhux l-azzjoni promossa mill-attur.

**13.** L-ahhar aggravju ta’ l-appellant hu migjub f’dawn it-termini: “L-elf lira (Lm1,000) likwidati ghandhom jigu ridotti billi a) huma esagerati u b) ix-xandira saret qabel giet emendata l-Press Act fin-1996”. Issa, huwa minnu li sakemm giet intavolata l-kawza, id-danni li setghu jigu likwidati skond l-Artikolu 28(1) tal-Kap. 248 kienu sa massimu ta’ elfejn lira, u li kien biss bl-Artikolu 15 ta’ l-Att X ta’ l-1996 li dawn gew mizjuda ghall-massimu ta’ hamest elef lira. U effettivament l-attur hekk talab fic-citazzjoni, cioe` danni li ma jeccedux l-elfejn lira. L-appellant jaghmel asserzjoni gratuwita fis-sens li galadarba l-ewwel Qorti, fis-sentenza taghha, ma qalitx espressament li kienet qed tapplika u tillikwida d-danni skond il-ligi qabel ma din giet emendata, allura “bilfors” li kienet qed tillikwida d-danni skond il-ligi kif emendata. Pero`, kif jinghad, *quod gratis assertur, gratis negatur*. Kwantu ghall-ammont likwidat, din il-Qorti, tenut kont tal-fatt li l-appellant fil-programm radjufoniku in kwistjoni, ghamel dak li effettivament jista’ jissejjah bhala *character*

*assassination* ta' l-attur, ma tara xejn esagerat l-ammont ta' danni kif likwidat mill-ewwel Qorti.

**Decide**

**14.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma *in toto* s-sentenza appellata. L-ispejjez ta' dana l-appell jithallsu wkoll mill-appellant Joseph Grima *nomine*.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------